Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Marzu 2023**
**(OR. en)**

**7198/23**

**CFSP/PESC 398**
**CSDP/PSDC 196**
**COAFR 99**
**EUMC 111**
**POLMIL 44**
**CSC 117**
**EUMPM NIGER 15**
**PSC DEC 9**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger) (EUMPM Niger/1/2023) |

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/…**

**ta' …**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger) (EUMPM Niger/1/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2009/2444 tat-12 ta' Diċembru 2022 dwar missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

[1] ĠU L 319, 13.12.2022, p.86.

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2444, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar, *inter alia*, il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni għall-missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger) (il-"Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE").

(2) Fit-2 ta' Frar 2023, l-awtoritajiet militari Taljani ppropone w il-ħatra tal-Kurunell Antonio D'AGOSTINO bħala l-ewwel Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE mill-1 ta' Marzu 2023.

(3) Fis-7 ta' Frar 2023, il-Kmandant tal-Missjoni għal EUMPM Niger appoġġa din in-nomina.

(4) Fl-10 ta' Frar 2023, il-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea qabel li jirrakkomanda li l-KPS jaħtar lill-Kurunell Antonio D'AGOSTINO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE mill-1 ta' Marzu 2023.

(5) Għandha tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kurunell Antonio D'AGOSTINO.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kurunell Antonio D'AGOSTINO huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger) mill-ewwel ta' Marzu 2023.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Marzu 2023.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*